**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 131/2016**

**AMAC Limited (C 27741)**

**vs**

**MBR Publications Limited (C 66371)**

**Illum, 04 ta' Marzu, 2020**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tas-socjetà attrici li jitlob lill-Qorti tikkundanna lis-socjetà intimata:

> "tħallas lir-rikorrenti għas-servizz li ġie provdut lilek fit-13 ta' Novembru 2015 fil-Palazz tal-President, Verdala, konsistenti fi stage, sound, dawl, visual, u tinda fl-okkazzjoni tal-Malta Business Awards, fl-ammont ta' €6,010 (sitt elef u għaxar Euro) kif jidher fil-fattura hawn annessa."

Rat ukoll ir-risposta tas-socjetà intimata li tghid hekk:

"Illi t-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet:

1. Illi fl-ewwel lok is-socjetà intimata ħallset depożitu akkont ta' elfejn u ħames mitt euro (2500 euro) li irrid jiġi mnaqqas mill-prezz rikjest.

2. Illi minkejja li s-socjetà attriċi offriet skont fuq il-prezz, l-iskont kellu jsir fuq is-somma dovuta qabel jiġi impost il-VAT. Fil-fatt sar bil-maqlub.

3. Illi skond il-pjan pattwit il-banda li kellha tiehu sehem fl-attività kellha tezegwixxi fuq palk imtella' apposta iżda minħabba difetti fid-design tal-palk li għalihom hija responsabbli unikament is-socjetà attriċi, il-banda kellha tezegwixxi taħt il-palk bil-konsegwenza li l-udjenza ma nqiedx sewwa u s-socjetà ntimata tilfet il-flus kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni.

4. Illi s-soċjetà intimata ma għamlitx ordnijiet għal xi aċċessorji bħal weights iżda s-socjetà attriċi qegħda tinkludihom fil-prezz.

5. Salvi eċċezzjoniijet ulterjuri."

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

## It-Talbiet u l-Eccezzjonijiet fil-Qosor

Illi, fil-qosor, f'din il-kawza s-socjetà rikorrenti qeghda titlob illi s-socjetà intimata tkun ikkundannata li thallasha tas-servizz provdut lilha fit-13 t' Novembru 2015 fil-Palazz tal-President, Verdala konsistenti fi *stage*, *sound*, *dawl*, *visual* u tinda fl-okkazjoni tal-*Malta Business Awards*, fl-ammont ta' sitt elef u ghaxar Ewro (€6,010), skont il-fattura annessa[1].

Is-socjetà intimata eccepiet illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt ghax (a) is-socjetà intimata hallset depozitu akkont ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) li irid jigi mnaqqas mill-prezz rikjest; (b) l-iskont fuq il-prezz, l-iskont kellu jsir fuq is-somma dovuta qabel jigi impost il-VAT; (c) minhabba difetti fid-*design* tal-palk li ghalihom hija responsabbli unikament is-socjetà attrici, il-banda kellha tesegwixxi taht il-palk bil-konsegwenza li l-udjenza ma tqeghditx sewwa u s-socjetà intimata tilfet il-flus; (d) is-socjetà intimata ma ghamlitx ordnijiet ghal xi accessorji bhal *weights* izda s-socjetà attrici qieghda tinkludihom fil-prezz; (e) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

## Provi

### Is-socjetà rikorrenti ressqet is-segwenti:

[1] A folio 2 sa 5 tal-process

**Alan Cutajar**[2] fil-kwalità ta' Direttur tas-socjetà *AMAC Limited* xehed fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2016 fejn spjega li s-socjetà rikorrenti toffri servizzi ta' kiri ta' apparat li ghandu x'jaqsam ma dawl, *sound, stages* ecc.

Fir-rigward tal-kaz odjern huwa spjega li s-socjetà intimata ghamlet kuntatt mieghu sabiex tinghata dan it-tip ta' servizz ghal avveniment li kien ser isir fit-13 ta' Novembru, 2015, fil-Palazz tal-Verdala. Huwa kompla jzid jghid li bghat l-istima tal-ispejjez[3] li giet accettata mis-socjetà intimata u "*tawni l-go ahead sabiex jien naghmel ix-xoghol.*[4]"

Sussegwentement huwa spjega li l-istess socjetà intimata riedet ukoll tinda, u accettat l-istima ta' *ETAC Limited*[5] f'dan ir-rigward. Ghalkemm l-istess socjetà inizjalment ma xtaqitx *weights*, in vista tan-necessità li dawn jintuzaw minhabba l-lok tal-avveniment, ix-xhud sahaq li rcieva konferma sabiex jipprocedi fuq din l-istima[6].

Ix-xhud spjega li filfatt l-avveniment sar u irnexxa, xhieda ta' dan huwa *post* fuq *facebook*[7] fejn, "is-socjetà intimata, "*irringrazzjatni tax-xoghol li ghamilt u turi ukoll li l-event kienet success.*[8]".

Fir-rigward tal-hlas huwa spjega li thallas pagament fl-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) qabel l-avveniment fejn il-bilanc kien ser jithallas wara. Il-ftehim kien li fil-15 ta' Novembru huwa kien ser jithallas il-bilanc izda fis-16 ta' Novembru bagatu *cheque* fl-ammont ta' elf Ewro (€1,000). Ghalkemm ix-xhud sahaq li cempel diversi drabi ghar-rimanenti flejjes, huwa baqa' ma thallasx.

[2] A folio 12 sa 14 tal-process
[3] Dok. AC1 – A folio 17 sa 18 tal-process
[4] A folio 12 tal-process
[5] Dok. AC2 - A folio 17 tal-process
[6] Dok. AC3 – A folio 21 sa 22 tal-process
[7] Dok. AC4 – A folio 24 tal-process
[8] A folio 13 tal-process

Ix-xhud kompla jzid li huwa hareg *statement* u *cash sale*[9] tal-ispejjez relatati mal-apparat u mat-tinda, kopja ta' liema huwa ghaddihom lil Martin Vella in rapprezentanza tas-socjetà intimata *MBR Publications Limited* izda ma harigtx ir-ricevuta fiskali relattiva ghax ghadu ma thallasx il-bilanc ta' sitt elef, ghaxar Ewro u erba' centezimi (€6,010.04).

Fir-rigward tal-allegazzjoni tas-socjetà intimata li l-banda kellha taghti l-wirja taghha minn taht il-palk u mhux minn fuq il-palk, ix-xhud sahaq li dan mhux minnu peress li kien prezenti matul is-serata kif ukoll li minn ritratt tas-serata mehud minn *post* fuq *facebook*[10] tas-socjetà intimata, "*turi il-banda fuq il-palk.*[11]"

Ix-xhud ikkonkluda x-xhieda tieghu fejn stqarr li kemm tlett (3) ijiem qabel is-serata kif ukoll wara li bghat ittra legali lill-istess Martin Vella huwa gie mhedded tramite diversi messaggi[12].

In Kontro-Ezami fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2019 ix-xhud spjega li huwa kien issolecita lis-socjetà intimata madwar darbtejn sabiex tibda tghaddilu x-xoghol izda dan kien l-ewwel avveniment li effettivament kienu hadmu flimkien.

Huwa spjega li s-socjetà intimata kienet hallset l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) u l-bilanc mertu tal-kaz kien fl-ammont ta' sitt elef u ghaxar Ewro (€6,010). Mistoqsi mill-Qorti ghalfjen l-ittra interpellatorja data l-10 ta' Marzu, 2016 mibghutha mill-Avukat tal-Fiducja tieghu t-talba kienet ta' tmint elef hames mija, hdax-il Ewro u

[9] Dok. AC5 – A folio 24 sa 27 tal-process
[10] Dok. AC6 – A folio 28 tal-process
[11] A folio 13 tal-process
[12] Dok. AC7 – A folio 29 sa 30 tal-process. Il-Qorti orndat li din il-parti tax-xhieda tittiehed a verbatim mix-xhieda tax-xhud.

erbgha u tletin centezmu (€8,511.34) qabel ma infethu l-proceduri odjerni, huwa wiegeb, "*ma niftakarx assolutament.*[13]"

Ix-xhud cahad li huwa ircieva l-hlas permezz ta' flus kontanti izda l-pagamenti da parti tas-socjetà intimata saru tramite zewg *cheques* ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) u elf Ewro (€1,000) rispettivament.

Suggerit lix-xhud li di fatti qatt ma hareg ricevuta tal-*VAT*, huwa spjega li ghalkemm mar bil-ktieb tal-*VAT* sabiex johrog ir-ricevuta fiskali, huwa naqas milli jaghmel dan in vista tal-fatt li huwa kien ghadu ma thallasx il-bilanc fl-intier tieghu mis-socjetà intimata.

Ix-xhud cahad li kien hemm persentagg mill-hlas li kellu jsir b'permezz ta' tpartit anzi sahaq li, "*discount tajthom u tajthom hafna iktar mill-ammont li hemm miktub biex nghidha kif inhi.*[14]"

Fir-rigward tal-procedura relatata mal-armar huwa cahad li rama minghajr ma kkonsulta li-socjetà intimata izda specifikament fuq l-armar tat-tinda spjega illi l-istess socjetà riedet tmexxi t-tinda, fuq struzzjonijiet taghhom mexxew it-tinda u bata l-ispejjez hu. Filwaqt li fuq l-aparat relatat mal-banda huwa spjega li kien hu stess li rama l-apparat fuq il-palk, "*kif kien originarjament il-ftehim.*[15]"

**Arnold Sammut**[16] xehed fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2017 u spjega li kien jahdem avvenimenti flimkien mas-socjetà rikorrenti *AMAC Limited* fejn hu kien jiehu hsieb il-lat tekniku filwaqt li Alan Cutajar kienu jiehu hsieb il-lat organizattiv.

---

[13] A folio 74 tal-process
[14] A folio 76 tal-process
[15] A folio 78 tal-process
[16] A folio 36 sa 39 tal-process

Huwa ikkonferma li kien ippartecipa fl-attività li saret fit-13 ta' Novembru fil-Palazz tal-President, il-Verdala fejn dakinhar, "*ipprovdejna il-palk, id-dawl, is-sound u l-iscreens ta' mal-gnub biex ikunu jistghu jitilghu l-filmati. Ipprovdejt lil xi hadd li jirranja il-filmati u il-heaters*.[17]"

Sakemm kien hemm matul l-avveniment kif ukoll granet wara, ix-xhud spjega li ma kienx hemm xi oggezzjonijiet jew xi kritika. Huwa zied jghid li l-avveniment, "*ma kienx fiha tfixkil…kienet event straight forward.*[18]"

**Anthony Mifsud**[19] xehed fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2017 u spjega li fix-xoghol tieghu huwa kustodju tal-Palazz tal-Verdala. Ix-xhud spjega li f'xoghlu huwa jrid josserva li kuntratt mahrug mill-Ufficju tal-Presidenti jigi segwit.

Huwa kkonferma li l-attività li sehhet fit-13 ta' Novembru, 2015 kienet ikla ta' kommemorazzjoni fejn Alan Cutajar kien ha hiseb l-armar tal-post specifikament tinda u palk.

Mistoqsi dwar l-armar relatat mat-tinda huwa spjega li l-gebla tal-art hija dik tal-qawwi, "*ma kienx hemm permess itaqqbu u dik juzaw weights*.[20]" Fir-rigward tal-palk huwa kompla jzid li l-organizzaturi ma kienux kuntenti bid-daqs tal-palk u riedu jkabbruh, filfatt ix-xhud sahaq li l-palk "*intuza u tkabbar ovvjament.*[21]"

[17] A folio 38 tal-process
[18] A folio 38 tal-process
[19] A folio 40 sa 43 tal-process
[20] A folio 41 tal-process
[21] A folio 42 tal-process

**Ivan Spiteri Lucas**[22] ta' x-xhieda tieghu permezz ta' affidavit fejn spjega li mal-wasla tieghu fuq il-post huwa mar direttament fuq il-palk fejn bdew jarmaw l-apparat taghhom, "*ranging from keyboards, drum-kit, bass amp together with bass guitar and saxophone.*[23]"

Huwa kompla spjega li sakemm waslu l-mistednin, imxew fuq it-tapit l-ahmar u hadu posthom huwa kien qieghed idoqq fl-entratura izda hekk kif bdiet is-serata il-prezentatur Colin Fizz ghamel referenza ghal banda u bdew idoqqu fuq il-palk.

Sahanistra anke il-*Yada Dance Company* bdew jizfnu fuq il-palk u spjega li l-avveniment mexa harir ghajr ghal meta l-istess kumpanija taz-zfin iddecidew li jizfnu taht il-palk fuq l-art tal-konkrete peress li minhabba l-umdità il-palk beda jizloq.

Ix-xhud sahaq li, "*at no point in time was I informed that my band was supposed to use the concrete flooring instead of the stage*.[24]"

**Is-socjetà Intimata ressqet is-segwenti:**

**Margaret Brincat**[25] tat x-xhieda taghha permezz ta' affidavit fejn spjegat li mhuwiex minnu li s-socjetà *MBR Publications* kienet debitrici fil-konfront tas-socjetà *AMAC Limited* fl-ammont ta' tmint elef, hames mija u hdax-il Ewro (€8,511.34) skont l-ittra legali datata l-10 ta' Marzu, 2016 mibghutha lis-socjetà intimata da parti tas-socjetà rikorrenti.

[22] Lingwa Ingliza – A folio 48 tal-process – 21 ta' April, 2017
[23] A folio 48 tal-process
[24] A folio 48 tal-process
[25] A folio 83 sa 88 tal-process

L-istess xhud sahqet li sahansitra hemm ukoll inkonsistenza dwar dak li huwa l-ammont dovut lill-istess socjetà rikorrenti. Hija spjegat li filwaqt li l-i*statement* pprezentat minn Alan Cutajar datat l-31 ta' Mejju, 2016[26], l-ammont dovut lis-socjetà rikorrenti mis-socjetà intimata kien ta' sitt elef, ghaxar Ewro u erba' centezimi (€6,010.04) l-i*statement* datat l-14 ta' Frar, 2016[27], l-ammont dovut kien ferm inqas u cioè ta' erbat elef, seba' mija u tlettax-il Ewro (€4,713).

Hija kompliet izzid li s-socjetà intimata kienet hallset lill-Alan Cutajar is-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) u elf Ewro (€1,000) tramite zewg *cheques* bin-numri erbgha, sebgha, tnejn (472) u erbgha, tmienja, tmienja (488) rispettivament. Permezz ta' fattura bin-numru erba' mija u sebgha (407) datata t-23 ta' Novembru, 2015[28] ix-xhud spjegat li Alan Cutajar kien ikkonferma li ircieva l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) u l-bilanc dovut lis-socjetà rikorrenti kien fl-ammont ta' elf, disa' mija u ghaxar centezmu (€1,910).

Ix-xhud ilmentat li Alan Cutahar naqas milli johrog ir-ricevuti fir-rigward tal-ammont imhallas da parti tas-socjetà intimata ghalkemm debitament interpellat fejn hija kompliet izzid li r-ricevuti kien johroghom biss meta jihallas fi flus kontanti. Hija kompliet izzid li Alan Cutajar, "*naqas ukoll illi jipprezenta r-ricevuti fuq hlas cash illi ahna ghamilnielu, u li hu stess hargilna r-ricevuti ghaliex konna hallasnih f'kontanti.*[29]"

Hija sahhqet li Alan Cutajar kien thallas l-ammont ta'erbat elef, erba' mija u ghaxar Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€4,410.84) fi flus kontanti ghal liema ammont kien hareg ricevuta.

---

[26] Dok. AC5 – A folio 90 tal-process
[27] Dok. AA2 – A folio 91 tal-process
[28] Dok. ABC 001 – A folio 93 sa 94 tal-process
[29] A folio 84 tal-process

Ix-xhud sostniet b'referenza ghall-*e-mail* datata t-2 ta' Novembru, 2015[30] mibghutha minnha stess lill-Alan Cutajar li s-socjetà intimata ma kenitx debitrici fil-konfront tas-socjetà rikorrenti in vista tal-fatt li, "*wahda mill-kundizzjonijiet illi kien accetta, u qabel maghha s-Sur Alan Cutajar qabel ma gie inkarigat mix-xoghol ta' din l-attivita`, kien preciz illi jnaqqas is-somma barter ta' 20% fuq l-ammont totali tal-invoice, u l-ekwivalenti jehodhom f'reklamar fuq il-publikazzjonijiet taghna.*[31]" Hija sahhqet li dan il-ftehim ma giex onorat mill-istess Alan Cutajar.

Fir-rigward tal-kiri tat-tinda, ix-xhud spjegat li Alan Cutajar kien thallas fi flus kontanti kif jirrizulta mir-ricevuta tat-13 ta' Novembru, 2015[32].

Filwaqt li b'referenza ghal Arnold Sammut, ix-xhud spjegat li huwa, "*ma kellu x'jaqsam xejn mal-organizazzjoni tal-attività… u mhuwiex minnu li ma kienx hemm oggezzjonijiet u complaints, tgergir u battibekki minhabba n-nuqqasijiet illi taghhom hu biss responsabbli s-Sur Alan Cutajar, u hadd aktar.*[33]" Hija ghamlet referenza ghal *e-mail* tal-10 ta' Novembru, 2015[34] fejn sar ilment da parti ta' Martin Fenech fil-konfront ta' Alan Cutajar fir-rigward tad-tinda in kwestjoni.

Fost in-nuqqasijiet li x-xhud attribwiet lil Alan Cutajar hija spjegat li huwa lesta l-armar erbat (4) ijiem qabel id-data mifthiema, it-tinda ma gietx armata fil-post mifthiem izda wara din il-kwestjoni giet risolta, iz-zeffiena kellhom jizfnu taht il-palk minhabba li huwa naqas milli josserva l-istruzzjonijiet moghtija u cioè jpoggi l-banda fuq podium fir-rotunda. B'referenza ghal struzzjonijiet moghtija da parti ta' Martin Fenech lil Alan Cutajar hija ghamlet referenza *ghal e-mail* tal-10 ta'

---

[30] Dok. AA5 – A folio 95 tal-process
[31] A folio 84 tal-process
[32] Dok. ABC 002 – A folio 96 tal-process
[33] A folio 85 tal-process
[34] Dok. ABC 023/4 – A folio 97 sa 98 tal-process

Novembru, 2015[35]. Hija spjegat ukoll li kien hemm diversi ilmenti da parti tal-mistednin fosthom li ma setghux jaraw la z-zeffiena, il-prezentatur kif ukoll l-*entertainers* u *performers* u dan bhala konsegwenza tal-agir tal-istess Alan Cutajar li naqas milli jobdi l-istruzzjonijiet moghtija lilu minn Martin Vella sabiex jiffranka l-flus.

Fir-rigward taz-zeffiena, l-*entertainers, performers* u *fire eaters* ingaggati sabiex jiehdu sehem fl-avveniment in kwestjoni ix-xhud ghamlet referenza ghal diversi ritratti[36] fejn spjegat li hadd minnhom ma ried jaghmel uzu mill-palk minhabba ragunijiet ta' sahha u sigurtà u proprju ghaliex Alan Cutajar naqas milli jobdi l-istruzzjonijiet moghtija minn Martin Vella fir-rigward tal-apparat relatat mal-banda peress li kien alloka post iehor ghal banda. B'referenza ghar-ritratti hija kompliet tispjega li proprju minhabba l-fatt li l-animaturi kienu fil-baxx allura dawn setghu biss jarawhom in-nies ta' quddiem u proprju minhabba f'hekk sofrew kummenti negattivi minhabba l-agir ta' Alan Cutajar

Ix-xhud ikkonkludiet l-affidavit taghha fejn sahhqet li s-socjetà intimata ingaggaw is-servizzi tas-socjetà rikorrenti wara li Alan Cutajar xeba' jibki ghax-xoghol.

In Kontro-Ezami fis-seduta tal-10 ta' April, 2019[37] hija spjegat li lil Alan Cutajar hallsuh erbat elef, erba' mija u ghaxar Ewro (€4,410) fi flus kontanti filwaqt li hallsuh ukoll l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) b'zewg *cheques*. Hija kompliet izzid li kien ghad fadal bilanc ta' ghoxrin fil-mija (20%) rapprezentant tpartit.

Margaret Brincat ikkonfermat li bi ftehim ma' Martin Vella u fil-prezenza tieghu hija kienet ghaddiet is-somma ta' erbat elef, erba' mija

[35] Dok. AA12 – A folio 125 tal-process
[36] Dok. ABC 023 – A folio 99 sa 104 tal-process
[37] A folio 143 sa 151 tal-process

u ghaxar Ewro (€4,410) lil Alan Cutajar rapprezentanti l-fattura li kienet iggib l-istess ammont izda Alan Cutajar kien ghazel li juza parti minn dawk il-flejjes ghal hlas tat-tinda. Prova ta' dan ix-xhud tishaq kienet il-*cash sale* tal-istess tinda fl-ammont ta' tlett elef u disa' mitt Ewro (€3,900).

Fir-rigward taz-zewg *cheques* fl-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500), ix-xhud spjegat li dan, "*kont qed inhallsu deposit on account.*[38]" u l-bilanc li kien ghad fadal kien, "*it-twenty percent (20%) barter.*[39]"

Mistoqsija jekk hija talbitx ricevuta ghal flus kontanti li hija ghaddiet lil Alan Cutajar, hija wiegbet fin-negattiv izda sahhqet li, "*gab cash sale mieghu.*[40]"

In Re-Ezami ix-xhud spjegat li Alan Cutajar mill-ewwel accetta li jithallas ghoxrin fil-mija (20%) bi tpartit peress li dik kienet il-kundizzjoni imposta fuqu mis-socjetà intimata sabiex tahdem mieghu.

**Martin Vella**[41] xehed fis-seduta tal-10 ta' April, 2019 fejn spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur Manigerjali tas-socjetà *MBR Publications Limited* fejn jippublikaw ir-rivisti kif ukoll jorganizzaw l-avveniment.

Fir-rigward ta' Alan Cutajar huwa spjega li fl-organizazzjoni tal-avvenimenti s-socjetà intimata diga' kellha l-fornituri taghha però huwa tant kemm beda jippressahom sabiex ituh ix-xoghol li ddecidew li jahdmu mieghu wkoll izda taht l-istess termini u kundizzjonijiet li

[38] A folio 146 tal-process
[39] A folio 147 tal-process
[40] A folio 151 tal-process
[41] A folio 112 sa 124 tal-process

kellhom ma' fornituri ohra fosthom li jibbenefikaw minn tpartit ekwivalenti ghal ghoxrin fil-mija (20%) fuq il-valur tal-avveniment shih li jissarraf f'reklamar kif ukoll li l-prezzijiet tieghu riedu jkunu aktar kompetittivi mill-fornituri l-ohra sabiex jiggustifikaw l-mghoddija tax-xoghol lilu minflok lil haddiehor. Ix-xhud ghamel referenza ghal *e-mail* bit-termini u kundizzjonijiet li huwa kien ghadda lil Alan Cutajar[42].

Ghalkemm Alan Cutajar kellu joffri l-istess termini ta' hlas bhal haddiehor dan ma sarx skont ix-xhieda ta' Martin Vella fejn spjega li ghalkemm l-istruzzjonijiet kienu li jarma t-tinda l-Erbgha huwa mar jarmaha t-Tnejn u ried il-flus immedjatament hekk kif rama t-tinda bl-iskuza li ma kellux flus kontanti. Alan Cutajar thallas skont il-fattura li kien ipprovda.

B'referenza ghat-tinda x-xhud spjega li giet fornuta minn *TEC Limited*, izda Alan Cutajar rama l-istess tinda hazin, b'dan illi kellu jerga' jzarmaha u jarmaha mill-gdid. Huwa kompla jzid li kien hemm diversi kwestjonijet ohra ma' Alan Cutajar fir-rigward tat-tqassim tal-apparat fornut minnu stess ghalkemm kienet saret laqgha gimgha qabel f'dan ir-rigward qabel l-avveniment. Specifikament fir-rigward tal-armar tal-banda x-xhud b'referenza ghal diversi ritratti[43] sahaq, "*kien jaf fejn kellha tigi l-band, jiena ma nafx ghalxiex dakinhar il-gurnata qabad u rama l-band… fejn huwa car li l-band hadet l-ispazju kollu u b'konsegwenza, b'rizultat ta' dan kollu d-dancers, il-performers, fire eaters u min kellu jaghmel attivitajiet rekrijezzjonali…. ma riedux jitilghu fuq il-palk minhabba ragunijiet ta' safety*.[44]"

Fir-rigward tas-sistema ta' hlas ix-xhud spjega li inizjalment Alan Cutajar kien mar ghandhom personalment u tahom stima fejn sahansitra

[42] Dok. AA5 – A folio 95 tal-process
[43] Dok. MV3 sa MV11 – A folio 127 sa 135 tal-process
[44] A folio 114 tal-process

ha zball peress li l-ftehim ta' tpartit minflok ma nizzlu ghoxrin fil-mija (20%), kien awmentah ghal hamsa u ghoxrin fil-mija (25%). Inoltre huwa kompla jzid li apparti l-hlas immedjat tat-tinda huwa talabhom zewg pagament ohra fl-ammont totali ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) liema pagament sar tramite zewg *cheques*. Però ghalkemm debitament interpellat ghal ricevuti, sal-prezenti gurnata kienu ghandhom ma rcevewx ricevuta fiskali tal-*VAT*.

B'referenza ghall-ammont ta' erbat elef, erba' mitt Ewro u tmenin centenzimu (€4,480) ix-xhud spjega li dan il-pagament kien jirrifletti l-ispejjez inkorsi ghat-tinda ta' tlett elef erba' mija u hamsa u sebghin Ewro (€3,475) filwaqt li r-rimanenti flejjes kienu jirriflettu parti mill-ispejjez li kien inkorra Alan Cutajar. Ghalkemm il-bilanc pendenti kien ta' circa elf u tmien mitt Ewro (€1,800) jew elf u disa' mitt Ewro (€1,900), dan l-ammont ma kienx dovut ghax il-ftehim ta' tpartit fl-ammont ta' ghoxrin fil-mija (20%) ma kienx gie onorat.

In Kontro-Ezami x-xhud sahaq li l-ammont reklamat mis-socjetà rikorrenti ta' sitt elef u ghaxar Ewro (€6,010) mhux dovut ghax kien mhallas. Fir-rigward tal-fattura ta' erbat elef, erba' mija u ghaxar Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€4,410.84) ix-xhud sahaq li dan l-ammont thallas fi flus kontanti minn Margaret Brincat fil-prezenza tax-xhud, il-Palazz, l-Erbgha filghodu jumejn qabel l-avveniment, ghal liema ammont huwa stqarr "*ahna qatt ma rcevejna VAT receipts sal-lum.*[45]"

Fir-rigward tal-fattura fl-ammont ta' erbat elef u disgha u disghin Ewro (€4,099) li ggib l-istess data tal-fattura precedenti, kien thallas l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) f'zewg *cheques* intizi ghal hlas tat-tinda.

---

[45] A folio 119 tal-process

Pero` x-xhud kompla jzid li flimken mal-flus kontanti fl-ammont ta' erbat elef, erba' mija u ghaxar Ewro (€4,410) thallset is-somma ta' elfjen u hames mitt Ewro (€2,500) f'zewg *cheques*, "*bhala lump sum*[46]" mill-liema flus kontanti kellhom jitnaqqsu l-ispejjez relatati mat-tinda.

Mistoqsi jekk ix-xhud talabx lil Alan Cutajar xi forma ta' konferma li kien ircieva l-ammont ta' erbat elef, erba' mija u ghaxar Ewro (€4,410) huwa spjega li Alan Cutajar kien tah dokument intitolat *cash sale*. Suggerit lill-istess xhud li skont l-istess *cash sale* elf u hames mitt Ewro (€1,500) kienu gew imhallsa tramite *cheque* numru erbgha sebgha tnejn (472) u matematikament l-ammonti ma kienux qeghdin jikkombacaw, ix-xhud wiegeb, "*Ehe dik jien ma nistax niggustifika ghax dik harigha Alan Cutajar u kellu c-cans li jiggustifikaha hu.*[47]"

**Kunsiderazzjonijiet**

Is-socjetà rikorrenti mar-rikors promuturipprezentat zewg *cash sales* indirizzati lil *MBR Publications Limited* fir-rigward ta' servizz provdut lis-socjetà intimata fit-13 ta' Novembru, 2015 fil-Palazz tal-President, il-Verdala:

1. *Cash Sale No*: 110 datata t-23 ta' Novembru, 2015 – €4,099.20;
2. *Cash Sale No*: 111 datata t-23 ta' Novembru 2015 – €4,410.84.

Jirrizulta wkoll, liema fatt mhuwiex kontestat li s-socjetà intimata ghamlet zewg hlasijiet akkont, liema hlasijiet huma indikati fit-tieni dokument tramite zewg *cheques* mahruga mill-bank kummercjali *Bank of Valletta p.l.c* bin-numru erbgha, sebgha, tnejn (472) fl-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) u erbgha, tmienja, tmienja (488) fl-amont ta' elf Ewro (€1,000).

[46] A folio 123 tal-process
[47] A folio 124 tal-process

L-ammont totali taz-zewg *cash sales* huwa ta' tmint elef, hames mija u ghaxar Ewro u erba' centezmi (€8,510.04) li minn dan l-ammont irid jitnaqqas elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) u b'hekk jirrizulta l-ammont reklamant mis-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' sitt elef, ghaxar Ewro u erba' centezimi (€6,010.04).

Minn naha l-ohra s-socjetà intimata qieghda tikkontesta l-ammont reklamant mis-socjetà rikorrenti b'dan illi tishaq li l-ammont indikat fil-*cash sale no: 111* fl-ammont ta' erbat elef, erba' mija u ghaxar Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€4,410.84) thallas bi flus kontanti mis-socjetà intimata precizament mid-Direttrici Margaret Brincat fil-prezenza tad-Direttur l-iehor Martin Vella tlett (3) ijiem qabel l-avveniment in kwestjoni. Filwat li r-rimanenti bilanc ta' elf, hames mja disgha u disghin Ewro u ghoxrin centezimu (€1,599.20) m'ghandux jithallas mis-socjetà intimata in vista tal-fatt li sar ftehim ta' tpartit bejn iz-zewg partijiet li ghoxrin fil-mija (20%) tal-ispejjez relatati mal-avveniment kellhom jissarrfu f'reklamar offrut lis-socjetà rikorrenti.

**Provi Dokumentarji**

Is-socjetà rikorrenti esebiet tlett (3) dokumenti, tnejn (2) minnhom imsemmija *cash sale no:110* u *cash sale no: 111* datati t-23 ta' Novembru, 2015 bl-ammonti ta' erbat elef, disgha u disghin Ewro u ghoxrin centezimu (€4,099.20) u erbat elef erba' mija u ghaxar Ewro u erbgha u tmenin centezimu (€4,410.84), li mill-ahhar ammont tnaqqsu pagamenti li saru tramite zewg (2) *cheques* fl-ammont ta' elfjen u hames mitt Ewro (€2,500)  kif ukoll *statement* datat l-31 ta' Mejju, 2016 li fih jikkomprendi l-ammont totali pretiz mis-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' sitt elef, ghaxar Ewro u erba' centezimi (€6,010.04). Dawn id-dokumenti gew ipprezentati kemm mal-att promutur kif ukoll waqt li l-istess Alan Cutajar kien qieghed jaghti x-xhieda tieghu.

Min naha l-ohra s-socjetà intimataipprezentat dokument *statement* datat l-14 ta' Frar, 2016 li fih l-ammont totali pretiz mis-socjetà rikorrenti huwa ta' erbat elef, seba' mija u tlettax-il Ewro (€4,713), dokument imsemmi *quote no: 2015358* datat s-26 ta' Ottubru, 2015, dokument li juri bdil ta' isem tal-istess dokument indikat fis-surreferit minn *cash sale* 111 ghal *invoice no: 407* u l-istess dokumenti *cash sale no:110* u *cash sale no: 111* datati t-13 ta' Novembru 2015 minflok t-23 ta' Novembru, 2015.

Sabiex il-ghoqda tkompli tithabbel, mid-dokumenti esebiti mis-socjetà intimata filwqt li l-*invoice no: 407* fl-ammont ta' erbat elef, erba' mija u ghaxar Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€4,410.84) hija datat t-23 ta' Novembru, 2015, id-dokument *cash sale no: 111* li jikkontjeni l-istess informazzjoni tal-*invoice no: 407* ghajr ghal bdil fl-isem huwa datat it-13 ta' Novembru, 2015, ghaxart ijiem qabel.

Illi mid-diskrepanza esagerata fid-dokumenti esebiti mill-partijiet, bejn id-dati, ammonti, kif ukoll ismijiet tal-istess, dokument li jitfa' dawl huwa *l-email* mibghutha mill-istess Margaret Brincat lil Alan Cutajar datata t-23 ta' Novembru, 2015 li taqra is-segwenti:

*"Hi Alan,*
*I have noticed that on your invoice you did not put down your VAT number.*
*I also need VAT receipts of payment of Euros 1500, Euros 1000*
*Please send them asap"*

Illi skont ix-xhieda ta' Martin Vella in kontro ezami mistoqsi meta ghaddew il-pagament ta' erbat elef, erba' mija u ghaxar Ewro (€4,410) ghax huwa stqarr li Alan Cutajar ma riedx izomm l-erbgha u tmenin

centezimu (€0.84) huwa spjega li dan l-ammont kien ghadda, "l-*Erbgha filghodu jumejn qabel l-event*" u cioe' fil-11 ta' Novembru, 2015 fejn sahansitra stqarr ukoll illi, "*ahna qatt ma rcevejna VAT receipts sal-lum*" izda Margaret Brincat fl-*e-mail* indikata fis-surreferit, fit-23 ta' Novembru, 2015 ma talbitx lil Alan Cutajar ricevuta ghal ammont ta' erbat elef, erba' mija u ghaxar Ewro (€4,410) izda ghamlet referenza ghal pagamenti ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) u elf Ewro (€1,000) rispettivament biss.

Konsegwentament, jirrizulta l-ammont ta' erbat elef, erba' mija u ghaxar Ewro (€4,410) ma thallsux mis-socjetà intimata lis-socjetà rikorrenti. Kieku kien hekk kienet tintalab ukoll l-ircevuta relattiva ghal dan il-hlas u mhux ghal hlas tal-elfejn u hames mitt Ewro biss.

**Tpartit ta' ghoxrin (20%) fil-mija**

Illi mill-atti specifikament l-e-mail mibghutha minn Martin Vella lil Alan Cutajar datata t-2 ta' Novembru, 2015 jirrizulta ampjament car li s-socjetà rikorrenti kienet ben konsapevoli bil-kundizzjoni imposta mis-socjetà intimata sabiex is-socjetà rikorrenti tippartecipa fl-avveniment in kwestjoni u cioè:

"h. *Barter of 20% on the total amount agreed against advertising on our publication/website and facebook.*"

Alan Cutajar kompla jikkorispondi ma' Martin Vella in segwitu ghal tali e-mail fejn kellu kull hin u opportunità joggezzjona ghal tali kundizzjoni izda naqas milli jittenta jnehhi din il-kundizzjoni ta' tpartit imposta mis-socjetà intimata.

**Nuqqas ta' professjonalità fl-armar da parti tal-istess socjetà rikorrenti**

Mill-atti, mix-xhieda prodotti specifikament mill-*Facebook post* jidher li s-socjetà intimata kienet fil-fatt kuntenta bix-xoghol tas-socjetà rikorrenti ghajr ghal dizgwid fuq l-armar tat-tinda kif ukoll il-qies tal-palk liema kwestjonijiet gew risolti qabel l-avveniment.

Konsegwentament dawn l-allegazzjonijiet gew mressqa matul dawn il-proceduri biss u jibqghu biss allegazzjonijiet intizi sabiex l-istess socjetà intimata tonqos milli tonora l-obbligi taghha tal-hlas dovut lis-socjetà rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet tas-socjetà rikorrenti u tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lis-socjetà rikorrenti is-somma mitluba fl-ammont ta' €6,010 (sitt elef u għaxar Euro), bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-kawza u cioè mill-10 ta' Gunju 2016 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez a karigu tas-socjetà intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur